MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2007

Appell Kriminali Numru. 234/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Ignatius Joseph Fenech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Ignatius Joseph Fenech talli fit-12 ta’ Jannar 2006 ghal habta tal-11.00 hrs f’St. Henry Street, Sliema:-

1) Saq vettura Nru. ABN-847 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita` dwar it Trasport ta’ Malta;

2) B’hekk ma kienx kopert b’polza tas-sigurta` dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

3) Saq l-imsemmija vettura meta kien skwalifikat minn kull licenzja tas-sewqan, b’hekk sar recidiv b’sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 1 ta’ Marzu 2005 (Magt. Dr. M. Hayman) u 16 ta’ Marzu 2005 (Magt. Dr. A. J. Vella).

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Ignatius Joseph Fenech jigi skwalifikat milli jiehu jew kollu ebda licenzja tas-sewqan ghal perijodu ta’ mhux inqas minn tnax-il xahar;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta’ l-14 ta Gunju 2006, li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Ignatius Joseph Fenech hati tat-tielet imputazzjoni izda sabitu hati ta’ l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u kkundannatu ghal tliet (3) xhur prigunerija, kif ukoll skwalifikatu mill-licenzji kollha tas-sewqan ghall-perijodu ta’ sena mid-data ta’ dik is-sentenza;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Ignatius Joseph Fenech ipprezentat fis-26 ta’ Gunju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma u tvarja l-istess sentenza u dan billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu lliberatu mit-tielet imputazzjoni, thassarha u tirrevokaha in kwantu sabitu hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u minnhom tilliberah minn kull piena u imputazzjoni, u f’kaz li tigi konfermata s-sejba ta’ htija tieghu fit-totalita` tal-imputazzjonijiet li diga` gie misjub hati taghhom allura tissostitwixxi l-piena inflitta b’wahda anqas severa sa fejn jirrigwarda dik ta’ tliet xhur prigunerija;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda mill-gdid;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-appellant jikkontendi illi fid-data, hin u lok imputati lilu ma setax kien qieghed isuq peress li ma kienx possibbli

ghalih jaghmel dan stante li dak in-nhar kien ghadu kemm hareg mill-Isptar u kellu idejh marbuta u minn saqajh kienet ittehditlu vina biex tigi trasportata f'punti ohra ta' gismu. Dak in-nhar kellu lil ohtu mieghu. Huwa pproduca certifikat mediku dwar dan.

Dan l-aggravju bazikament jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi. Din il-Qorti fil-fatt semghet ix-xhieda mill-gdid u minn hemm jemergu s-segwenti rizultanzi:

**Il-Maggur 1373 John Micallef** xehed illi fit-12 ta' Jannar 2006 kien miexi f'St. Henry Street, Sliema meta ra lill-appellant gej minn faccata tieghu bil-karrozza. Kien jaf li l-appellant kellu l-licenzja mizmuma u kien rah xi darbtejn ohra u gibidlu l-attenzjoni  l-appellant kien osservalu li ghandu bzonn nuccali iehor. Din id-darba kif rah baqa' jsuq, dar jigri warajh u lahqu f'salib it-toroq meta kien se jaqsam minn St. Henry Street ghal St. Helen Street. Mieghu kien hemm tfajla. Kellmu, hadlu l-particulars li kien hemm bzonn u qallu li seta' jmur u kompla fuq xoghlu. Mar l-ghassa u hareg ic-charges. In kontroezami x-xhud gie mistoqsi jekk jafx illi dakinhar l-appellant kien ghadu hiereg mill-Isptar u wiegeb li jaf li kellu idejh go sling izda mija fil-mija cert li kien qed isuq. Ix-xhud qal li kien cert mid-data u l-hin kien fil-11.00 a.m.

**Christopher Darmanin** xehed illi l-appellant m'ghandux licenzja tas-sewqan  kellu skwalifika mill-1 ta' Marzu 2005 sat-28 ta' Frar 2006.

Xehed ukoll **P.S. 16 Martin Cordina** izda x-xiehda tieghu mhiex rilevanti ghall-appell odjern.

**L-appellant** ghazel li jixhed u qal li fis-7 ta'Jannar kienu sparawlu u mar l-Isptar mnejn hareg fit-12 ta' Jannar bejn il-11.30 a.m. u 12.00 p.m. u marret ghalih ohtu b'Tata Mobil. Quddiem l-ewwel Qorti lis-Surgent qallu biex imur jigbor il-cameras ta' l-Isptar biex jara min kien mar ghalih. Huwa ma setax isuq dak in-nhar ghax idu ma setax icaclaqha. Kienu hadulu vina minn saqajh biex wahluha fuq idu. Qal illi anke jekk jaraw lil hutu ghaddejin bil-karrozza jressqu lilu. Il-Mercedes li suppost kien qed isuq

jaf li hi ta' certu Michael Mifsud (li jigi missier l-gharus ta' oht l-appellant) li mhux se jsellifha lilu. Waqt konfront mal-Maggur 1373, l-appellant irrepeta dak li kien diga` qal filwaqt illi l-Maggur esebixxa n-notamenti tieghu u nzammet fotokopja tal-faccata min-*notebook* tieghu li tikkontjeni d-dettalji tal-kaz. Waqt l-istess konfront il-Maggur 1373 qal li dak in-nhar "kif gieni c-cans grejt warajh, ma tajtux in-nifs li jerga' jichadni". L-appellant baqa' jinsisti illi l-Pulizija misshom gabru l-file tieghu mill-Isptar ghax m'ghandux faham miblul u illi dak in-nhar kien nizel mill-Isptar ma' ohtu bit-Tata Mobil.

Fit-30 ta' Jannar 2007 issejjah mill-Qorti biex jerga' jixhed il-Maggur 1373 John Micallef sabiex iwiegeb ghal xi mistoqsijiet li kienu jirrigwardaw il-fotokopja (a fol. 27) mehuda min-notamenti li kien ghamel ix-xhud dwar il-kaz. Mistoqsi dwar id-data u l-hin, spjega li dakinhar meta ra lill-appellant, gera girja warajh u lehqu f'salib it-toroq, hareg il-ktieb, xi ftit beda jitrieghed u fejn ha zball irrangah dak il-hin malajr. Huwa kkonferma li d-data u l-hin ta' l-incident kienu it-12 ta' Jannar 2006 fil-11.00 a.m. Il-hin l-iehor indikat, 11.40 kien x'aktarx il-hin li dahal l-ghassa.

Minn dawn il-provi din il-Qorti hija tal-fehma illi dak li xehed li gara l-Maggur 1373 John Micallef verament sehh peress illi certament huwa ma kellu l-ebda interess illi l-appellant jehel piena fuq xi haga li ma jkunx ghamel u l-uniku interess tieghu kien illi titressaq persuna l-Qorti minhabba ksur tal-ligi, u dan wara li kien hemm okkazjonijiet ohra fejn uza certa diskrezzjoni biex jammonixxi lill-istess appellant. Mill-banda l-ohra din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn ma temminx lill-appellant illi fil-gurnata in kwistjoni huwa kien hareg mill-Isptar. Jinghad pero` illi c-certifikat illi huwa esebixxa quddiem l-ewwel Qorti (a fol. 11) ma jghidx illi huwa ma setax isuq u jghid biss meta dahal l-Isptar (7 ta' Jannar 2006) u meta hareg (12 ta' Jannar 2006). Barra minn hekk, ghalkemm l-appellant jghid illi kienet ohtu li marret ghalih bit-Tata Mobil, huwa inkoncepibbli kif ma pproducihiex bhala xhud biex tikkonferma dan.

Kwantu ghall-piena, l-appellant jilmenta illi nonostante illi kull darba li jigi mressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati gie lliberat mill-imputazzjoni tar-recidiva, huwa xorta kull darba gie kkundannat ghal piena ta' prigunerija u kull darba qieghda tizdied. Fic-cirkostanzi tal-kaz, piena ta' tliet xhur prigunerija hi sproporzjonata.

Jinghad l-ewwel nett illi in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1].

Kemm l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 li jikkontempla r-reat ta' min isuq vettura minghajr licenzja tas-sewqan, kif ukoll l-artikolu 3(1) tal-Kap. 104 li jikkkontempla r-reat ta' min isuq minghajr kopertura ta' assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni, jipprovdu kemm ghall-piena pekunjarja kif ukoll ghal piena karcerarja.

Difatti l-ewwel imputazzjoni cioe` dik ta' sewqan minghajr licenzja ta' sewqan tikser id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 15(1)(a) u (3) tal-Kap. 65 tal-Ligijet ta' Malta u l-piena ghaliha hija dik tal-multa ta' mhux izjed minn mitt lira jew prigunerija ta' mhux izjed minn tliet xhur. Ir-reat ta' sewqan ta' vettura minghajr kopertura b'polza tas-sigurta` kontra r-riskji ta' terzi, skond l-artikolu 3(1)(2) tal-Kap. 104, kif emendati bl-Att XXX tas-sena 2002, igib mieghu fil-kaz ta' l-ewwel reat, kundanna ghall-multa ta' mhux inqas minn Lm1000 u mhux izjed minn Lm2000 jew prigunerija ta' mhux izjed minn tliet xhur jew il-prigunerija u multa flimkien; fil-kaz tat-tieni kundanna, multa ta' mhux inqas minn Lm2000 izda mhux izjed minn Lm2500 jew prigunerija ta' mhux aktar min sitt xhur, jew it-tnejn f'daqqa; u fil-kaz tat-tielet kundanna jew aktar, multa ta' mhux inqas minn Lm2500 u mhux aktar minn Lm3000 jew prigunerija sa mhux aktar minn sena jew it-tnejn f'daqqa,

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

kif ukoll il-kofiska tal-vettura u skwalifika tal-licenzji tas-sewqan ghal tnax-il xahar.

Mill-fedina penali ta' l-appellant jirrizulta illi din hi l-ghaxar kundanna mis-sena 2001 'l hawn fir-rigward tar-reat ta' sewqan bla kopertura ta' polza kontra r-riskji ta' terzi persuni. Jigifieri suppost tali kundanna ggib maghha kundanna ghall-piena pekunjarja ta' mhux anqas minn Lm2500 u mhux izjed minn Lm3000 jew ghal prigunerija ghal mhux aktar minn sena, jew kemm il prigunerija u multa f'daqqa, apparti s-sanzjonijiet l-ohra tal-konfiska u ta' l-iskwalifika. Biex jigu applikati dawn il-gradwatorji fil-piena mposti mil-ligi ma hemmx ghalfejn ikun hemm xi akkuza ta' recidiva li tirrizulta. Bizzejjed il-Qrati jezaminaw kif suppost il-fedina penali ta' l-imputat[2].

Ghalhekk jirrizulta illi l-piena nflitta mill-ewwel Qorti mhux biss hija entro l-parametri tal-ligi izda hija sahansitra taht dik stabbilita mil-ligi.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier b'dan illi l-perijodu ta' skwalifika jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[2] Ara f'dan is-sens Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Ignatius Joseph Fenech**, 4 ta' Awissu 2006.